MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 922/2009

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 855/09
Fl-ismijiet
Francis Buhagiar (ID 709147M u Maria Dolores Buhagiar (ID 677148M)
Vs
Topside Limited C 18013

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors tas-socjeta' Topside Ltd fejn gie premess:

Illi s-socjeta' Topside Limited ghandha kreditu kanonizzat favur taghha kontra l-konjugi Buhagiar in forza ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 20 ta' Jannar 2009;

Illi meta l-istess socjeta ttentat biex tesegwixxi l-kreditu taghha u giet biex tizbanka l-flus depositati l-Qorti (mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 800/09) u dana kif

awtorizzata li taghmel in forza ta' digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nonostante diversi tentattivi ta' ostakoli maghmula mid-debituri Buhagiar, huma gew mizmuma mill-effettiv rilaxx in vista tal-fatt li l-istess debituri pprezentaw kontra taghha l-mandat ta' sekwestru hawn fuq citat;

Illi l-istess mandat inhareg fuq pretensjoni ta' kreditu li l-konjugi Buhagiar qed jallegaw li ghandhom kontra s-socjeta' rikorrenti f' kawza ohra li tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u dana in segwitu ta' sentenza ohra moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza wkoll kontra l-istess konjugi Buhagiar (cit nru 1406/99);

Illi meta wiehed jifli l-mertu tal-pretensjoni dedotta mill-konjugi Buhagiar fil-kawza numru 1406/99 gia deciza kontra taghhom u pendenti l-appell intavolat minnhom, jinnota li fl-istess kawza huma ma humiex qed jitolbu xi dritt ta kreditu kontra s-socjeta' rikorrenti izda semplicement li jigi annullat konvenju u inoltre dikjarat li l-konjugi Buhagiar ma kienux fil fatt ircevew il-pagament qua vendituri fuq l-istess konvenju.

Illi ghalhekk din il-procedura (1406/99) u l-ebda procedura ezistenti ohra ma tista twassal biex il-konjugi Buhagiar jigu dikjarati kredituri tas-socjeta' rikorrenta;

Illi ghalhekk jidher illi l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi inhareg mill-konjugi Buhagiar in mala fede u huwa ntiz biss sabiex jistultifika u jfixkel lis-socjeta' rikorrenta milli tigbor il-kredit-u taghha debitament kanonizzat permezz ta' sentenza tal-Qorti u kwindi t-talba ghal-hrug tal-odjern mandat ma hu xejn hlief abbuz tal-ligi tal-procedura civili;

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tirrevoka a contrario imperio l-precitat mandat ta' sekwestru kawtelatorju w dana a bazi tal-artikoli 836 (1) (b) (d) u (f) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre wara li jigu meqjusa l-kawzali fuqhiex il-konjugi Buhagiar intavolaw it-talba taghhom tordna wkoll li l-istess konjugi Buhagiar ghandhom jigu kkundannati jhallsu penali li joghgobha

tiffissa dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836 (8) (d) Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konjugi Buhagiar.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati konjugi Buhagiar fejn gie sottomess:

Illi fil-kawza citazzjoni numru 1406/99 l-esponenti qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nulita ta’ konvenju iffirmat bejn il-partijiet Dok A annessa;

Illi kemm il-darba ikun hemm ezitu favorevoli l-esponenti ikkollhom rimedju ghal irkupru tad-danni u l-ispejjez tal-istess kawza;

Illi fi kwalunkwe kaz l-vertenza ghadha pendenti bejn il-partijiet u l-esponenti ghandhom interess li l-mandat jibqa’ fis-sehh;  Appell anness Dok B;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jopponu ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Rat l-atti annessi ma’ din il-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Rat li r-rikors gie differit biex jinghata l-provvediment finali;

Ikkonsidrat:

Kif jirrizulta mill-istess rikors promotur jidher li l-konvenuti konjugi Buhagiar qed jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom f’ kawza li tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell;

Illi l-istess konvenuti Buhagiar ghandhom kull dritt li jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom liema dritt hu wkoll sancit fil-ligi pero’ hu ovvju illi l-istess konjugi Buhagiar meta ottjenew il-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni

assumew ukoll ir-responsabbiltajiet kollha taghhom skond il-ligi;

In oltre tirrileva illi f' dawn il-proceduri ma jistghux jigu decizi il-pretensjonijiet li ghandhom kontra xulxin il-partijiet.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------